Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 13/2006/1

**Angelo Xuereb, AX Construction Limited gia` Angelo Xuereb Limited u Verdala Mansions Limited gia` Sunny Homes Limited**

**v.**

**Id-Direttur tax-Xogholijiet, l-Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost mir-rikorrenti Angelo Xuereb, AX Construction Limited u Verdala Mansions Limited, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Dicembru 2007 li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat li tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali u “konvenzjonali”, u dan b’applikazzjoni tal-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319.

**2.** Permezz ta’ rikors presentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Frar 2006, ir-rikorrenti ppremettew is-segwenti fatti in konnessjoni mal-permess ta’ bini mahrug u sussegwentement revokat mill-allura *Planning Area Permits Board* (PAPB) u mid-Direttur tax-Xogholijiet in konnessjoni ma’ fond f’Tas-Sliema u precizament mal-fond nru 102, High Street:

“Illi l-allura awtorita` kompetenti l-Planning Area Permits Board…kienet harget permess fis-16 ta’ Novembru 1988 favur l-atturi…u dan sabiex jaghmlu xoghol ta’ kostruzzjoni kif specifikat fl-istess permess fuq il-fond imsemmi;

“Illi b’ittra datata 30 ta’ Novembru 1988, l-awtoritajiet ippretendew illi jirrevokaw tali permess u fl-istess data tat-30 ta’ Novembru 1988 hargu permess iehor lill-atturi minn jeddhom cioe` minghajr ma l-esponenti lanqas biss applika f’dan ir-rigward, u minghajr ebda gustifikazzjoni, u dan meta l-attur *(sic!)* kien diga` qed jaghmel zvilupp regolari skond il-permess li diga` kien inhareg;

“Illi l-effetti ta’ dan il-‘permess’ iehor mahrug arbitrarjament u abbuzivament huwa illi tnehha l-permess ta’ sular kif ukoll tnehha l-permess ghal blokk shih mill-izvilupp propost;

“Illi sussegwenti ghal din l-azzjoni abusiva tal-intimati, l-awtoritajiet kompetenti istitwew proceduri kriminali kontra l-esponenti Angelo Xuereb *proprio*…u dan minkejja illi r-rikorrenti qeghdin jimpunjaw civilment ir-revoka ta’ tali permess permezz ta’ Citazzjoni 1026/89GC3.”

**3.** Ir-rikorrenti komplew jippremettu illi huma rcevew trattament diskriminatorju mill-awtoritajiet ghax fil-vicinanzi hemm numru ta' progetti simili li nghatalhom il-hames sular u li thallew jibnu estensivament kif kien hemm fl-ewwel permess, u r-rifjut tal-awtoritajiet fil-konfront taghhom ma "kienx bazat fuq bazi jew konsiderazzjoni oggettiva u ragjonevoli". Skond ir-rikorrenti tali trattament differenti jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront taghhom bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti ikomplu hekk:

"Illi l-esponenti qed jipprova *(sic!)* jezercita r-rimedju ordinarju permezz ta' l-azzjoni civili fuq indikata izda peress illi jidher illi l-azzjoni civili mhux ser twaqqaf l-azzjoni penali, l-esponenti kien kostrett jadixxi din il-Qorti u jinvoka l-protezzjoni minnu mitluba."

**4.** Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lill-Prim Awla sabiex (1) tiddikjara u tiddeciedi illi bil-fatti fuq esposti huma sofrew trattament diskriminatorju bi ksur tal-Artikoli 45 u 14 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, u (2) taghti kull rimedju u direttiva kif jidhrilha xieraq u opportun.

**5.** L-intimati ppresentaw risposti separati (ara fol. 5 r-risposta tad-Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet, fol. 7 tal-Avukat Geberali u fol. 14 ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA)). Dawn ir-risposti huma t-tlieta differenti u jeccepixxu, kemm preliminarjament kif ukoll fil-meritu, affarijiet differenti. Ghall-finijiet ta' dan l-appell hija relevanti biss it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mid-Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet li tghid hekk:
"Illi preliminarjament ukoll din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ai termini ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju li qieghed jigi adoperat quddiem il-Qorti opportuna *(sic!)* u ghalhekk ir-rikorrent *(sic!)* mhux intitolat li jintavola din il-procedura li hija straordinarja u eccezzjonali."

**6.** Jigi pprecizat li anke l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-MEPA hija bazikament f'dan l-istess sens[1], pero` ghal xi raguni l-ewwel Qorti ghazlet li titratta preliminarjament biss it-tieni u t-tielet eccezzjoni preliminari tal-imsemmi Direttur[2].

**Is-sentenza appellata**

**7.** Kif inghad, l-ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u ddikjarat "…li r-rikorrenti ghandhom rimedji gudizzjarji ohrajn xierqa biex jistharrgu l-ilmenti taghhom u jharsu jeddijiethom, u ghalhekk taghzel li ma twettaqx is-setghat taghha kostituzzjonali jew konvenzjonali, u tehles lill-intimati milli jibqghu fil-kawza, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti", u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi b'din l-azzjoni, r-rikorrenti qegħdin jgħidu li ġarrbu ksur ta' jedd fundamentali dwar permess għal żvilupp ta' proprjeta' f'Tas-Sliema li, wara li kien ingħata, inbidel b'ieħor ftit jiem wara bla ma ntalab mill-istess rikorrenti. Billi l-permess il-ġdid kien inaqqas l-għadd ta' sulari li l-imsemmi żvilupp seta' jkollu, ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li b'dik id-deċiżjoni unilaterali meħuda mill-awtoritajiet kompetenti, saret diskriminazzjoni magħhom għaliex, fl-istess inħawi, bini ieħor ta' ħaddieħor tħalla jittella' b'għadd akbar ta' sulari.  Minbarra dan, iżidu jgħidu li minkejja li huma kienu fetħu kawża quddiem il-Qrati Ċivili biex iwaqqgħu id-deċiżjoni li bidlet il-permessi oriġinali, xorta waħda ttieħdu kontrihom proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u billi dawn qegħdin

[1] "Illi preliminarjament ir-rikorrenti m'ezawrewx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghalihom stante illi ghad hemm kawza civili pendenti fl-istess ismijiet numru 1026/89 GC li tinsab differita quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fejn ir-rikorrenti odjerni qed jilmentaw mill-istess incident."

[2] It-tielet eccezzjoni tad-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xogholijiet tghid hekk: "Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fejn ir-rikors tar-rikorrenti jirrigwarda l-proceduri kriminali mehuda kontra tieghu, l-azzjoni odjerna ghandha tigi michuda stante li ai termini ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi li *'Jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), <u>dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civli kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja</u>…'.*"

jitkomplew xorta waħda bla ma stennew kif sejra tispiċċa l-kawża ċivili, kellha titressaq din il-proċedura kostituzzjonali u konvenzjonali;

"Illi l-intimat Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet ressaq eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari dwar din l-azzjoni, minbarra eċċezzjonijiet fil-mertu. B'degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2006, din il-Qorti kienet ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, jiġu trattati t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imsemmi intimat. Dawn jgħidu li l-Qorti jmissha tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża, għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dan għaliex ir-rikorrenti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom rimedju ordinarju li ma jagħtihomx jedd li jressqu din il-kawża. It-tieni eċċezzjoni trid li, ladarba r-rikorrenti ressqu din il-kawża minħabba l-kawżi kriminali mressqin kontrihom, allura r-rikorrenti kien messhom qanqlu l-kwestjoni kostituzzjonali quddiem dik il-Qorti li setgħet tagħmel riferenza lil din il-Qorti kif irid l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni;

"Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet. Il-Qorti tqis li hu xieraq li tirrimarka li, f'dan ir-rigward, jista' jkun li nħoloq xi nuqqas ta' ftehim għaliex fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu l-intimat Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet jidher li illimita ruħu biss għall-ewwel minn dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari. Din il-fehma setgħet inħolqot mill-mod kif ġie redatt il-verbal tas-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2007, fejn il-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza. Il-Qorti, madankollu, tqis li dak il-verbal imissu jinqara fid-dawl tal-verbali l-oħrajn li saru qablu, fejn jidher ċar – saħansitra f'dak tas-smigħ tas-17 ta' April, 2007 – li l-Qorti kienet għadha qegħda tmexxi l-każ fuq iż-**żewġ eċċezzjonijiet preliminari** tal-imsemmi intimat kif ordnat fid-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2006. Dik l-ordni qatt ma nbidlet; lanqas saret xi talba minn xi waħda mill-partijiet biex din il-Qorti tibdilha;

"Illi l-Qorti tqis li l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet huma wkoll marbutin ma' xulxin, għaliex jittrattaw it-tnejn li huma aspett wieħed dwar jekk ir-rikorrenti nqdewx sewwa bir-

rimedji "ordinarji" li tagħtihom il-liġi f'kull waħda mill-proċeduri ġudizzjarji li jinsabu involuti fihom dwar dan il-każ tal-permessi tal-bini. F'kull każ, jekk kemm-il darba l-Qorti tagħżel li tilqa' l-ewwel waħda miż-żewġ eċċezzjonijiet imsemmija, ma jkunx hemm bżonn tistħarreġ it-tieni waħda;

"Illi l-fatti li joħorġu mill-atti relattivi għall-imsemmija eċċezzjonijiet juru li fl-24 ta' Lulju, 1986, l-awtoritajiet kompetenti ħarġu permess (numru 5299/85) lir-rikorrent Anġelo Xuereb biex jisviluppa s-sit f'numru 102, Triq il-Kbira, Sliema, fi ħwienet, djar għall-abitazzjoni u *garages* għal karozzi privati[3]. It-talba għall-ħruġ tal-permessi kienet tressqet minnu f'Diċembru tal-1985. Il-binja ma kellhiex tkun ogħla minn erba' (4) sulari mill-ogħla livell tat-triq. Kien hemm kundizzjonijiet oħrajn ukoll. Fis-16 ta' Novembru, 1988, l-istess awtoritajiet ħarġu favur l-istess rikorrent Anġelo Xuereb permess ieħor (numru 1850/87) għall-iżvilupp fl-istess sit fuq talba oħra li kienet saret fid-29 ta' Marzu, 1987[4]. L-għoli tal-bini ma riedx jaqbeż ħames (5) sulari – jew dsatax-il metru u ħamsa u għoxrin ċentimetru (19.25m) – mill-ogħla livell tat-triq. Fit-30 ta' Novembru, 1988[5], is-Segretarju tal-Bord dwar il-Permessi, bagħat jgħarraf lir-rikorrent Xuereb li l-permess li kien inħareġ erbatax-il jum qabel (jiġifieri l-permess numru 1850/87) kien tħassar b'seħħ minnufih. Dak inhar, reġa' nħareġ permess (ukoll mogħti n-numru 1850/87)[6] ieħor dwar l-istess sit. Fost il-kundizzjonijiet kien hemm imsemmi li l-bini ma setax ikun ogħla minn ħames (5) sulari mil-livell tat-triq kemm dwar Triq il-Kbira u kif ukoll dwar Triq Amery. Fil-25 ta' Jannar, 1989[7], inħareġ Ordni ta' Twettiq kontra r-rikorrent minħabba li kien allegat li bini fil-livell terran fl-imsemmi sit ma kienx jaqbel mal-permessi approvati;

"Illi ftit taż-żmien wara, inbdew proċeduri kriminali kontra r-rikorrent Xuereb dwar bini mtella' kontra l-liġi u għat-

[3] Dok "AX1", f'paġ. 18 tal-proċess
[4] Dok "AX2", f'paġ. 20 tal-proċess
[5] Dok "AX3", f'paġ. 22 tal-proċess
[6] Dok "AX4", f'paġ. 23 tal-proċess
[7] Dok "AX5", f'paġ. 24 tal-proċess

twaqqigħ tiegħu[8]. Fil-11 ta' Ottubru, 1989, ir-rikorrenti fetħu kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-Ministru u l-awtoritajiet kompetenti biex, għar-raġunijiet hemm imfissrin, jitolbu t-tħassir tad-deċiżjoni li biha ħassru l-permess maħruġ favur ir-rikorrent Xuereb fis-16 ta' Novembru, 1988, u biex jitħallsu d-danni li ġarrbu minħabba dak it-tħassir[9]. Fid-dawl ta' dik il-proċedura, r-rikorrent Xuereb talab lill-Qorti tal-Maġistrati biex, sa ma l-Qorti Ċivili taqta' l-kawża dwar it-tħassir tal-permess maħruġ, il-Qorti tal-Maġistrati tieqaf milli tkompli tisma' l-proċeduri kriminali mibdijin kontrih. B'degriet mogħti fit-30 ta' Novembru, 1989[10], laqgħet it-talba u ħalliet il-każ *sine die* sakemm tinqata' l-kawża ċivili. F'xi żmien wara, li ma ssemmiex lil din il-Qorti, jidher li dik il-Qorti reġgħet bidlet il-fehma tagħha għaliex il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent reġgħu bdew jinstemgħu u qegħdin jinġabru l-provi[11];

"Illi din il-kawża nfetħet fit-28 ta' Frar, 2006;

"Illi l-Qorti se' tgħaddi issa biex tqis l-eċċezzjonijiet preliminari mqanqla mill-intimat Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Kif ingħad aktar 'il fuq, iż-żewġ eċċezzjonijiet huma marbutin ma' xulxin u l-ewwel ma jmiss li tkun mistħarrġa hija l-eċċezzjoni li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali ladarba r-rikorrenti għadhom ma nqdewx bir-rimedji l-oħrajn kollha "ordinarji" li setgħu jinqdew minnhom biex jiksbu l-ħarsien tal-jeddijiet tagħhom. Il-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami huma llum il-ġurnata stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża ***Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[12], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess

[8] Dok "PJG1", f'paġ. 42 tal-proċess
[9] Dokument f'paġġ. 50 sa 70 tal-proċess
[10] Dokument f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Mario Scicluna 12.6.2007, f'paġ. 72B tal-proċess
[12] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

prinċipji kif muri f'deċiżjoni li ngħatat dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjoni[13];

"Illi meta jissemma' li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[14]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[15]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

"Illi wara li l-Qorti qieset il-fatti li jirrigwardaw dan il-każ, u rat il-provi mressqa s'issa, hija tasal għall-fehma li għandha tilqa' l-istedina tal-intimat Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u dan għar-raġunijiet li sejrin jissemmew;

"Illi l-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom – u għad għandhom – disponibbli rimedji ordinarji li bihom jistgħu jiksbu l-ħarsien tal-jeddijiet tagħhom fuq l-ilmenti li issa qegħdin iressqu f'din il-kawża. Din il-Qorti tqis li dawn ir-rimedji jeżistu kemm fil-kawża mressqa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (li hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li tressqet saħansitra qabel ma azzjoni bħal dik iddaħħlet formalment fil-Kodiċi tal-Proċedura tagħna taħt l-artikolu 469A) – fejn il-qofol tat-talba attriċi hija sewwasew it-tħassir tad-deċiżjoni li biha tħassar il-permess għal żvilupp maħruġ favur ir-rikorrent Xuereb – u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali li għaddej minnhom l-istess rikorrent;

"Illi kemm fix-xiehda mogħtija mir-rikorrent[16] u kif ukoll fit-trattazzjoni tiegħu tal-għeluq fin-Nota ta' Sottomissjonijiet

---

[13] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06)

[14] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[15] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[16] Xhieda tiegħu 8.6.2006, f'paġġ. 30 – 2 tal-proċess

tagħhom[17], l-għaref difensur tar-rikorrenti għamilha ċara li r-raġuni waħdanija li r-rikorrenti fetħu din l-istanza kostituzzjonali (saħansitra jintuża l-kliem "*kien kostrett jieħu din it-triq minħabba l-insistenza fuq il-proċeduri kriminali*") kienet il-fatt li s-smigħ tal-kawża kriminal kien reġa' nbeda. Fi kliem ieħor, sakemm kien għadu fis-seħħ id-degriet ta' soprasessjoni mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati tat-30 ta' Novembru, 1989, ir-rikorrenti ma ħassew li qegħdin iġarrbu l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. Fuq kollox, il-kawżali tal-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tagħhom bl-ebda mod ma jirrigwardaw l-istess proċeduri kriminali. Il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti qegħdin jinqdew b'din il-proċedura biex iżommu l-mixi 'l quddiem tal-proċediment kriminali, bla ma din il-kawża tittratta xi allegat ksur ta' jedd fundamentali f'dawk il-proċeduri. Jekk inhu tassew hekk, il-Qorti ssib bla ebda ħjiel ta' dubju li m'għandhiex tħalli li jsir dan;

"Illi bosta drabi ngħad li lment dwar ksur ta' jedd fundamentali ma jistax jissejjes fuq każ ipotetiku[18], u l-Qorti m'għandhiex tistħarrġu jekk kemm-il darba ma jkunx seħħ il-fatt jew jidher li sejjer inevitabilment iseħħ. Minbarra dan, biex din il-Qorti tistħarreġ ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali (speċjalment fejn l-allegazzjoni tkun tirreferi għal ksur li jseħħ waqt proċediment f'qorti), trid issir il-prova speċifika f'dan is-sens għaliex il-ksur ma jistax jiġi stabilit *a priori* jew meħud għalih waħdu maqtugħ mill-bqija tal-proċedura li fiha allegatament seħħ[19];

"Illi huwa minnu li meta l-Qorti tkun mitluba biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' lment kostituzzjonali fuq ir-raġuni li r-rikorrent ikun naqas milli jinqeda b'rimedju ordinarju hija għandha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar

[17] Paġġ. 85 – 6 tal-proċess
[18] Kost. **30.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulizija vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.72**); u P.A. Kost TM **15.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno sive Reno Żarb vs Avukat Ġenerali***
[19] Kost. **15.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs Avukat Ġenerali et***

interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[20]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[21];

"Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li allura hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha u dan fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti għadhom jistgħu jieħu r-rimedji oħra li kellhom u għad għandhom disponibbli għalihom qabel irrikorrew għall-azzjoni kostituzzjonali;

"Illi, ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma tagħha dwar it-tieni eċċezzjoni tal-intimat Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, ma hemmx għalfejn li tistħarreġ **it-tielet eċċezzjoni** tiegħu."

**<u>L-appell</u>**

**8.** Permezz ta' rikors presentat fit-28 ta' Dicembru 2007, Angelo Xuereb, AX Construction Limited u Verdala Mansions Limited appellaw mis-sentenza appena riprodotta. Kif jinghad fir-rikors ta' l-appell, l-aggravji ta' l-appellanti huma tnejn

"…wiehed ta' natura procedurali u l-iehor jolqot il-meritu tad-decizjoni; dwar l-ewwel wiehed, huwa fis-sens illi l-Qorti illimitat il-provi fuq l-eccezzjonijiet preliminari fis-sens illi ma ppermettietx lill-esponenti illi jgibu provi kemm fuq it-trattament li kien sofra, izda aktar u aktar dwar il-permessi ghal zvilupp illi nhargu fil-vicinanzi fejn dawn jeccedu aktar minn hames sulari; it-tieni aggravju huwa dwar ir-ragunament tal-Qorti illi l-esponenti ghandhom rimedji ordinarji li bihom jistghu jinkisbu l-harsien tal-jeddijiet."

---

[20] P.A. Kost VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Mhix pubblikata)

[21] Ara, f'dan ir-rigward Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268**); u Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)

**9.** L-appellanti jkomplu jelaboraw dwar dawn l-aggravji. Dwar l-ewwel aggravju huma jghidu li l-ewwel Qorti ma ppermettietilhomx igibu provi dwar id-diskriminazzjoni, cioe` biex juru li vicin il-fond taghhom hemm bini b'aktar minn hames sulari u ta' estenzjoni akbar. Huma jqisu li l-ewwel Qorti hadet *a short cut*, mentri "...kienet tkun f'posizzjoni li tivvaluta ferm ahjar dawn iz-zewg eccezzjonijiet li kieku semghet il-provi fuq kollox, imbaghad iddecidiet jekk ir-rimedju kienx adegwat jew sufficjenti." Dwar it-tieni lamentela, l-appellanti jelaboraw li l-kawza civili minnhom maghmula u li ghadha pendenti ma tindirizzax il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni. Skond huma "...[l-]allegazzjoni ta' diskriminazzjoni hija fondamentalment differenti minn talba ghal dikjarazzjoni li revoka ta' permess hija infondata legalment u inattendibbli; ir-rimedju esperit huwa wiehed fejn qed tigi kontestata r-revoka u mhux fejn il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni qed tigi investita; ma giex spjegat ghaliex azzjoni fejn qed tigi impunjata id-diskrezzjoni amministrattiva ghandha tkun tali li teskludi lanjanza ta' trattament diskriminatorju."

**10.** L-appellati Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet u l-Avukat Generali, permezz ta' risposta kongunta, wiegbu dettaljatament ghar-rikors ta' appell. Il-MEPA ma ppresentatx risposta. Izda quddiem din il-Qorti dehru l-avukati tal-partijiet kollha, u dawn irrimettew ruhhom ghall-atti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**11.** Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-lanjanzi tal-appellanti, tajjeb li jigu precizati certi affarijiet, ghax fil-verita` l-kwistjoni kollha f'din il-kawza tippernja dwar x'qed jigi allegat u x'qed jintalab f'din il-kawza (ta' indoli kostituzzjonali) u x'qed jigi allegat u x'qed jintalab fil-kawza civili 1026/89.

**12.** Il-fatti li taw lok ghaz-zewg proceduri ma humiex in kontestazzjoni, u huma ben riassunti fis-sentenza appellata. Bazikament l-appellanti jikkontendu li galadarba kien inhargilhom permess f'Novembru 1988 (mill-allura

MEPA) biex itellghu tant sulari u jibnu b'tali mod, dak il-permess ma setax, erbatax-il gurnata wara, jigi ritirat. Fil-kawza odjerna – li, wiehed ma jridx jinsa, giet intavolata biss fi Frar 2006 – huma qed jallegaw li b'tali ritirar tal-permess qed jigu trattati b'mod diskriminatorju bi ksur tal-ligi, u qed jitolbu dikjarazzjoni f'dan is-sens, kif ukoll jitolbu "rimedju u direttiva" (li ma gewx specifikati kif jirrikedu r-*rules of court*, anke dawk fis-sehh meta gie intavolat ir-rikors promotorju) biex wiehed jaghmel tajjeb ghal dan il-ksur. Fil-kawza civili 1026/89 – ara kopja tac-citazzjoni a fol. 50 sa 53 – l-istess rikorrenti appellanti, hemmhekk bhala atturi, wara li jirrepetu bazikament l-istess fatti u jallegaw mhux tant diskriminazzjoni[22] daqs kemm li l-irtirar tal-permess kien att abbuziv, illegali u *ultra vires*, u li kkawzalhom u qed jikkawzalhom danni sostanzjali, talbu li l-Prim Awla (1) tiddikjara nulla w inattendibbli r-revoka tal-permess tal-bini ghal diversi ragunijiet fosthom billi ma ttiehdux in konsiderazzjoni fatti relevanti fid-decizjoni tal-PAPB, (2) tiddikjara konsegwentement li huma sofrew danni, (3) tillikwida dawn id-danni, (4) tikkundanna lill-konvenuti[23] jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati, kif ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza.

**13.** Kwantu ghall-ewwel aggravju tal-appellanti, din il-Qorti tosserva li ghalkemm huwa veru li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn biex Qorti tiddeciedi jekk ghandhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha konformement ma' dak li jipprovdi l-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tad-disposizzjoni analoga, anzi identika, tal-Kap. 319[24], ikun mehtieg jew desiderabbli li din il-Qorti tisma' provi, jew xi provi, anke fil-meritu, dan mhux dejjem neccessarjament hu hekk. Fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti tat l-opportunita` lill-partijiet li jressqu provi dwar l-eccezzjonijiet li riedet tiddeciedi qabel ma tidhol fil-meritu, izda minn imkien ma jirrizulta li b'xi mod "illimitat" lill-istess partijiet jew li ma "ppermettietilhomx" li jgibu l-provi li kien

[22] Ara nota *in calce* nru 25.
[23] Mid-dokument ezibit in atti dawn il-konvenuti huma il-Ministru responsabbli ghall-Ambjent, id-Direttur tax-Xogholijiet, il-membri kollha tal-PAPB ta' dak iz-zmien, u in segwitu giet kjamata fil-kawza il-MEPA.
[24] Ta min hawn josserva li dan il-*proviso* jista' jigi applikat mill-Qorti – sia mill-Prim Awla kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali – anke jekk ma tkunx inghatat eccezzjoni li specifikatament tinvoka dak il-*proviso*.

jidhrilhom li kellhom igibu – dejjem, s'intendi, b'referenza ghal dawk l-eccezzjonijiet preliminari – kif donnhom jinsinwaw l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom. F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghall-verbali ta' l-udjenzi tal-14 ta' Marzu 2006 (fol. 13), 8 ta' Gunju 2006 (fol. 28), 16 ta' Novembru 2006 (fol. 37), 16 ta' Jannar 2007 (fol. 44), 17 ta' April 2007 (fol. 48) u 12 ta' Gunju 2007 (fol. 73). Kien biss f'din l-ahhar udjenza, tat-12 ta' Gunju 2007, li l-ewwel Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi "dwar l-eccezzjoni illi r-rikorrenti ma nqdewx bir-rimedji ordinarji qabel ma ressqu dawn il-proceduri" bhala maghluq. Fl-udjenza precedenti – dik tas-17 ta' April 2007 – hemm registrat li "…Dr P. Galea [ghar-rikorrenti] wieghed li fis-smigh li jmiss jaghlaq il-provi tar-rikorrenti dwar iz-zewg eccezzjonijiet preliminari li bhalissa qed jigu trattati". Imkien u f'ebda stadju quddiem l-ewwel Qorti r-rikorrenti ma talbu li jressqu, jew indikaw li jridu jressqu, xi prova jew provi partikolari, li setghu kienu relevanti ghad-determinazzjoni tal-imsemmija eccezzjonijiet preliminari, u tali talba giet michuda. Anqas ma kien hemm xi lment, jew accenn ghal xi lment, f'dan is-sens. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tifhem kif issa l-appellanti qed jillanjaw li huma gew prekluzi milli jgibu xi provi. Evidentement dak li fir-realta` qed jippruvaw jghidu l-appellanti hu li huma riedu li l-meritu tal-kawza jigi determinat indipendentement mill-eccezzjonijiet preliminari – pero` hija l-Qorti li tiddetermina kif titmexxa l-kawza, u sakemm l-ordni moghti minn dik il-Qorti tal-ewwel grad ikun *rite et recte*, qorti fi grad ta' appell m'ghandhiex tiddisturbah.

**14.** Nigu issa ghat-tieni aggravju. Bazikament hawnhekk l-appellanti qed jilmentaw li l-proceduri civili minnhom inizjati bic-citazzjoni 1026/89 ma jipprovdux rimedju, jew rimedju adegwat, ghall-ilment taghhom li huma gew iddiskriminati bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, peress li f'dik il-kawza l-bazi taghha ma hix allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea. Huma jillanjaw li huwa biss fil-kawza odjerna li huma qed iressqu dana l-ilment ta' diskriminazzjoni u jitolbu rimedju specifikatament ghalih.

**15.** F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li huwa minnu li fil-kawza Citaz. 1026/89 il-pern tal-vertenza ma hix l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. Huwa wkoll fatt, pero`, li din l-allegazzjoni telghet fil-wicc, biex wiehed jghid hekk, wara sbatax-il sena u dan, skond ma jinghad fl-istess rikors promotorju, peress "…illi l-azzjoni civili mhux ser twaqqaf l-azzjoni penali…"; kif gustament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellanti inizjaw din il-kawza kostituzzjonali ghax, fi kliem l-istess Angelo Xuereb (fol. 29), il-proceduri penali inizjati kontra tieghu u li kienu f'xi zmien wieqfa pendenti l-ezitu tal-kawza civili 1026/89, kienu regghu gew riattivati. Issa, ma hemmx dubbju li fil-kawza Citaz. 1026/89 ma hemmx <u>direttament</u> involuta l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni – jinghad "direttament" ghax "indirettament" tidhol taht "konsiderazzjonijiet relevanti" i.e. il-permessi li, allegatament, inghataw lil haddiehor, li l-PAPB ma hax, dejjem allegatament, konsiderazzjoni taghhom meta rrevoka l-permess li kien inhareg erbatax-il gurnata qabel[25]. Mill-banda l-ohra, pero`, ma jfissirx li l-uniku rimedju li persuna ghandha jew jista' jkollha ghall-ksur ta' dritt fondamentali jista' jigi biss miksub permezz ta' kawza "kostituzzjonali". Dan il-punt gie diga` deciz minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet **John Sammut v. Awtorita` ta' l-Ippjanar et**, fejn inghad *inter alia* hekk:

"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew iddisposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens[26]. In fatti dana l-proviso addirittura

[25] Apparti minn hekk fil-premessi tac-citazzjoni 1026/89 jinghad *inter alia* hekk: "U billi r-revoka fuq imsemmija saret minghajr ebda raguni valida u minghajr ebda gustifikazzjoni fil-ligi, u anzi kienet fir-rigward ta' l-attur <u>ta' natura diskriminatorja</u> u mhux in linja mal-policy tad-Dipartiment…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

[26] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim***

jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali (*"…ghall-ksur allegat…"*) izda li minkejja dan *"…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…"* favur il-vittma.

"Kif din il-Qorti – u anke il-Prim Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha – kellha okkazjoni li tfisser diversi drabi, l-applikazzjoni o meno ta' dan il-proviso hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Pero` bhal kull diskrezzjoni, din ghandha tigi ezercitata b'mod korrett u tkun diretta ghall-iskop li ried jilhaq il-legislatur. Il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn; mill-banda l-ohra dan il-proviso m'ghandux jintuza biex cittadin jigi impedut milli jippromwovi azzjonijiet kostituzzjonali meta jidher *prima facie* li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht l-imsemmi proviso ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda l-Prim Awla u din il-Qorti ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm altrimenti rimedju effettiv taht xi ligi ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin ma jigix ipprivat mirrimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319[27].

"Issa, fil-kaz in dizamina jekk wiehed jara sewwa ir-rikors promotorju tat-3 ta' Gunju, 1996 kif ukoll il-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 1999 huwa evidenti li l-gravam ta' Sammut kien li, bil-permess (mibdul) tal-14 ta' Awissu, 1992 huwa kien ser ikollu ibiddel dak li kien ghamel jew dak li kien bi hsiebu jaghmel skond il-permessi precedenti. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti r-rimedju tar-*reconsideration* hu, jew jista' jkun, f'dan il-kaz rimedju effettiv ghall-vjolazzjoni tad-drittijiet lamentati mir-rikorrent.

---

***Ministru et.***; kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti – dejjem diversament komposta – tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Tedd Rapa v. Chairma ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et.***

[27] Ara ***Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et*** Q.K. 15/1/91, ***Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** Q.K. 5/4/91, ***Joseph Briffa v. Kummissarju tal-Pulizija*** Q.K. 14/6/95.

"Ir-rikorrent, fl-udjenza ta' l-10 ta' April, 2002 (quddiem din il-Qorti) addirittura ma kkontestax l-affermazzjoni maghmula mill-Avukat ta' l-Awtorita` (Dott. Ian Stafrace) li l-permess relattiv kien inhareg fis-26 ta' Lulju, 2001. S'intendi, din il-Qorti mhix b'xi mod tikkunsidra sottomissjoni ta' avukat bhala "prova"; ghal din il-Qorti huwa sufficjenti li fil-mument meta nghatat is-sentenza tal-Prim Awla kien hemm rimedju effettiv li kien qed jigi sperimentat mill-rikorrent, liema rimedju kien jezisti anke meta gie intavolat ir-rikors quddiem il-Prim Awla. Din il-Qorti ma tarax li ghandha wisq xi zzid mal-kunsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti."

**16.** Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li r-rimedji li qed jintalbu fil-kawza 1026/89 huma rimedji li, kemm-il darba t-talbiet attrici jigu milqugha, jaghmlu tajjeb anke ghall-allegat ksur tad-dritt li persuna ma tigix diskriminata bi ksur tal-ligi. In fatti, filwaqt li fir-rikors odjern dak li qed jintalab bhala rimedju jista' jittraduci ruhu biss f'danni morali u, possibilment, dikjarazzjoni li r-revoka tal-permess ma tiswiex u li ghalhekk ghandu jibqa' fis-sehh il-permess originali, fil-kawza 1026/89 qed jintalbu wkoll id-danni materjali ghar-ragunijiet premessi f'dik ic-citazzjoni. Tali danni materjali jistghu talvolta jinkludu anke dawk id-danni inkorsi b'rizultat tal-proceduri penali. Pero` l-ghan principali taz-zewg kawzi hu l-istess, u cioe` li jigi rimoss l-ostakolu tal-gholi tal-bini u ghall-izvilupp kif originarjament approvat. Ghalhekk anke dana l-aggravju tal-appellanti ma jimmeritax li jigi akkolt.

## Decide

**17.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------